## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 373/2015**

**Argus Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**vs**

**Etienne Cassar u Jesmond Tonna**

**Illum, 12 ta' Jannar 2018**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tas-socjetà rikorrenti permezz ta' liema s-socjetà rikorrenti talbet l-intimati:

> Ihallsu lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' disat' elef mitejn u ghaxar Euro (€9,210.00) u dan peress illi fis-sena 2012, is-socjetà attrici

harget polza ta' assigurazzjoni fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBM 817, proprjetà tieghek - Etienne Cassar;

Nhar is-6 ta Dicembru 2012 l-istess vettura, waqt illi kienet misjuqa minn Jesmond Tonna, kienet involuta f'incident awtomobilistiku f'Parigi Franza u intom inqastu mill-obbligi taghkom *ai termini* tal-polza tal-assigurazzjoni mahruga mis-socjetà attrici peress illi nqastu milli tirregistraw *claim* in konnessjoni ma' dan il-kaz, u nqastu ukoll milli thallsu *l-excess payment* minnkom dovut ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni;

Is-socjetà attrici informatkom permezz tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Gunju 2015 illi hija hallset lit-terzi skont il-Ligi u konsegwentement, in vista tal-ksur tal-polza relattiva da parti taghkom, hija ghandha dritt illi tirkupra l-ammont su-riferit illi jirrapprezenta l-ammont tad-danni sofferti mit-terz involut fl-incident in kwistjoni u debitament imhallsa mis-socjetà attrici skont il-Ligi;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali tal-ittra ufficjali pprezentata nhar l-10 ta' Gunju 2015 ai termini **tal-Artikolu 166A tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta** fl-ismijiet **Argus Insurance Agencies Limited noe vs Etienne Cassar u Jesmond Tonna** sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti illi jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat Etienne Cassar, li tghid:

1. Illi f'kull kaz l-esponent kien kopert b'polza ta' asssigurazzjoni valida u ghalhekk is-socjetà attrici hija obbligata fil-konfront

tieghu li taghmel tajjeb ghad-danni allegatament subiti mit-terzi, salv talvolta ghad-dritt taghha li tesigi minn ghandu li jhallas l-excess;

2. Illi f'kull kaz is-socjetà attrici jihtiegilha tipprova li kellha d-dritt li tammetti responsabilità u thallas lit-terzi minghajr il-kunsens da parti tal-esponent;

3. Illi l-esponent qatt ma inkariga lis-socjetà attrici sabiex thallas lil terzi ghan-nom tieghu, u wisq inqas ghamel xi talba sabiex kwalsiasi allegati danni naxxenti mill-accident de quo jithallsu mis-socjetà attrici lil terzi u ghalhekk is-socjetà attrici m'ghandiex dritt ta' rivalsa fil-konfront tieghu;

4. Illi l-esponent f'kull kaz ma jahtix ghall-incident imsemmi fl-avviz promotur anki izda mhux biss peress li l-vettura in kwistjoni ma kinitx qed tinstaq minnu;

5. Illi t-talbiet fl-ismijiet premessi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-esponenti qed jikkontesta l-pretensjonijiet kollha tas-socjetà attrici;

6. Illi f'kull kaz l-ammont pretiz qed jigi ikkontestat u jrid jigi ppruvat skont il-ligi;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, inkluz dawk tar-risposta ghall-ittra ufficjali bin-numru 1275/15 datata t-3 ta'Awwissu tas-sena

2015 kontra s-socjetà attrici li rapprezentanti taghha jibqghu sa minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimat l-iehor Jesmond Tonna minkejja li debitament notifikat kif jirrizulta a folio 20 et sequitur tal-process, ma prezenta l-ebda risposta u baqa' ma deherx tul il-proceduri.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjetà rikorrenti qeghda titlob minn ghand l-intimati rimborz ta' ammont imhallas minnha bhala assikuratrici tal-vettura FBM 817.

Illi l-intimat Etienne Cassar ressaq l-eccezzjonijiet tieghu fuq elenkati.

Illi l-kaz odjern huwa msejjes fuq il-polza tal-assikurazzjoni u fuq l-obbligi tal-partijiet taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mis-sottomissjonijiet tal-partijiet jirrizulta li hemm qbil dwar il-fatti tal-kaz u cioè li l-vettura FBM 817 kienet assikurata f'isem Etienne

Cassar u xufiera ohra mas-socjetà rikorrenti. Din il-vettura waqt li kienet misjuqa fi Franza minn Jesmond Tonna kienet involuta f'incident. Is-socjetà rikorrenti hallset id-danni reklamati ghan-nom tal-assikurat taghha u permezz tal-prezenti proceduri qed titlob rimborz tal-istess.

Is-socjetà rikorrenti tghid li (1) l-assikurat taghha l-intimat Etienne Cassar naqas li jinformaha bl-incident, (2) li hija kellha dritt taht il-polza tal-assikurazzjoni li thallas anke jekk l-assikurat taghha ma jaqbilx, (3) li la darba l-assikurat taghha ma nformahiex bl-incident u b'hekk kiser l-obbligi kontrattwali tieghu taht il-polza, ma setax jippretendi li s-socjetà rikorrenti tonora l-obbligi taghha taht l-istess polza.

L-intimat jghid li (1) huwa ma kienx mgharraf bl-incident la mix-xufier u lanqas mis-socjetà assikuratrici tieghu, (2) li s-socjetà assikuratrici ma setetx thallas minghajr ma tinfurmah li se thallas u dan kif rikjest mill-istess polza u mill-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, (3) konsegwentament l-istess socjetà m'ghandhiex dritt ghar-rimborz tal-ispejjez minnha mhallsa.

Illi Jonathan Schembri in rapprezentanza tas-socjetà attrici u bhala Operations and Compliance Officer u Claims Manager tal-istess socjetà attrici permezz ta' affidavit mahluf fl-01 ta' Gunju, elfejn u sittax (2016), Dok JS a folio 28 et sequitur tal-process, jixhed, a folio 29 u 30 tal-process, li:

> "Dan ifisser illi kull meta tinfetah *claim*, is-socjetà Argus Insurance Agencies Limited noe **<u>ghandha d-diskrezzjoni assoluta</u>** illi tiddeciedi dwar ir-responsabbiltà ghall-akkadut, u illi tasal ghal arrangamenti bonarji, jekk ikun il-kaz".

Jghid ukoll illi skont l-istess polza, jekk jidhrilha li l-assigurat taghha jkun hati ghall-incident in kwistjoni l-istess socjetà attrici tghaddi sabiex thallas lit-terz ai termini tal-art. 15 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Ix-xhud jikkwota minn pagna 15 tal-istess polza li taht l-intestata *"Settlement of Third Party Claims"* tipprovdi testwalment:

*Notwithstanding that You (l-assigurat) may have failed to lodge a Claim, and notwithstanding that You may have failed to abide by the terms and conditions of this Policy, We (l-assiguratur) shall be entitled to settle any third party Claim, and You shall be deemed to have consented to the payment to be made to the third party, provided that We shall have informed You in writing and at the address indicated by You in the Proposal Form, of Our intention to pay the Claim and of the amount to be paid, and You do not, within ten days of notification, formally oppose Yourself to such settlement and payment."*

Illi ghalhekk huwa car li taht l-istess polza u anke taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjetà rikorrenti ghandha l-obbligu li qabel thallas xi claim tinforma lill-assikurat taghha bil-miktub dwar l-intenzjoni taghha li thallas, u jekk dan ma jopponix fi zmien ghaxart'ijiem ghal tali hlas, tkun tista' tipprocedi b'tali hlas.

Is-socjetà attrici rreklamat tali hlas minghand l-intimat Cassar permezz tal-ittra ufficjali mahruga taht l-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tal-15 ta' Gunju 2015, a folio 55 et sequitur tal-process, f'liema ittra ufficjali iddikjarat li gia hallset tali ammont, kif iddikjarat ukoll fl-avviz odjern.

Din l-ittra ufficjali giet kontestata mill-intimat, a folio 57 tal-process.

Fir-risposta tieghu ghal din il-kawza, a folio 10 tal-process, u fix-xhieda tieghu, a folio 69 tal-process, Etienne Cassar isostni li huwa qatt ma kien mgharraf b'dan l-incident u sar jaf bih ghall-ewwel darba meta rcieva l-ittra ufficjali. Jghid illi ghalhekk ma seta' jressaq l-ebda claim ghax ma kienx jaf bl-incident.

Kien ghalhekk li ma sar l-ebda hlas tal-excess li normalment isir mal-claim. Illi l-ammont mitlub f'din il-kawza ma jinkludix talba ghall-hlas tal-excess u ghalhekk mhux kompitu ta' din il-Qorti li tiddeciedi dwar tali hlas.

Matul it-trattazzjoni taghhom id-difensuri tal-partijiet ikkonfermaw illi, essenzjalment hemm qbil dwar il-fatti li taw lok ghall-kaz, inkluz li l-vettura kienet qed tinsaq minn Daniel Sajan, ghalkemm id-difensur tal-intimat ikkontenda li skont il-ligi u anke skont il-polza l-aktar li l-intimat seta' jigi ritenut responsabbli kien fir-rigward tal-excess li kellu jithallas minnu mal-'claim' relattiva imma certament mhux ukoll fir-rigward tal-ammont kollu mhallas mis-socjetà attrici lit-terzi dannegjati. Huwa jikkontendi li ma setax iressaq il-'claim' tieghu proprju ghaliex ma kienx jaf li sehh l-incident.

Illi s-socjetà rikorrenti ma taqbilx dwar dan u in sostenn tat-tezi taghha tirreferi ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Frar, 2008 fl-ismijiet 'Middlesea Insurance p.l.c. (C-5553) kif surrogata, abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u skond il-Ligi, fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha, is-socjetà Emmanuel Agius u l-istess Emmanuel Agius [714049M]. v. Mourad Ben Salem Mabrouk, Vincent Ciantar u Karen Ciantar.' F'dak il-kaz, il-konvenut Vincent Ciantar kien hareg polza ta' assigurazzjoni fuq il-vettura tieghu, bil-kundizzjoni espressa illi din kellha tinstaq biss minnu u minn bintu wkoll konvenuta

Karen Ciantar. Gara illi l-istess vettura kienet involuta f'incident awtomobilistiku waqt illi dina kienet misjuqa minn certu Mabrouk illi ma kienx kwindi awtorizzat mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva. Ghalhekk is-socjetà assigurattiva istitwiet proceduri ghall-irkupru tal-ammonti minnha sborsati kontra l-assigurat taghha Vincent Ciantar, Karen Ciantar illi kellha ordinarjament il-kontroll tal-vettura, u x-xufier Mabrouk.

Illi però l-fatti f'dik il-kawza kienu differenti u ghalhekk dik is-sentenza ma tantx tista' tkun ta' komfort ghas-socjetà rikorrenti fil-kawza in ezami quddiem il-Qorti llum.

Illi fil-kaz imsemmi l-ksur tal-polza lamentat kien minhabba ghall-fatt li l-assikurat halla lil xufier mhux awtorizzat isuq il-vettura filwaqt illi fil-kaz in ezami s-socjetà attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq in-nuqqas da parti tal-intimat Cassar li jressaq il-'claim' tieghu skont il-ligi. Huwa ghalhekk li l-imsemmija sentenza ma tapplikax ghall-kaz in ezami.

Illi din id-distinzjoni gia giet studjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet 'Fogg Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited gja` Norwich Union International Limited vs George Fenech' datata 22 ta' Mejju, 2009 fejn jinsab deciz is-segwenti:

> *"Premess dan, huwa indiskuss illi wiehed mill-obbligi ta' kull assikurat hu dak li jqieghed lill-assigurazzjoni tieghu fil-qaghda li din tapprezza c-cirkustanzi ta' l-incident u dik tar-responsabilità korrelata u naxxenti minnu. Forsi, aktar milli ta' obbligu, dan hu oggett ta' oneru fuq l-assigurat in kwantu l-iskop hu dak li permezz ta' l-avviz jew tal-claim l-assigurazzjoni tkun f'qaghda li*

*tistharreg l-elementi ta' l-obbligazzjonijiet taghha ghar-rizarciment mid-danneggjat. (...) B'introduzzjoni ghat-tieni u ghat-tielet motivi ta' aggravju jinghad illi f'kaz ta' inadempiment kontrattwali r-rimedju generali – rizoluzzjoni tal-kuntratt, "exceptio inadempleti contractus", etcetera – ghandhom, ghal raguni li jgiebu fis-sehh konsegwenzi serji ghall-kontraenti, rabta ma' inadempiment kolpevoli li jkun gravi u proporzjonat. Gie infatti osservat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali illi "mhux kull inadempjenza kontrattwali tipprovoka l-kondizzjoni rizoluttiva tacita insita fil-kuntratti bilaterali, kemm fil-kazijiet fejn il-Kodici Civili jirrekjedi dikjarazzjoni gudizzjarja kif ukoll fil-kazijiet fejn ir-rizoluzzjoni hi wahda ipso jure fil-Kodici tal-Kummerc ... ... ... L-inadempiment kellu jkun gravi u proporzjonat ghall-gravità tal-konsegwenzi derivanti minn dik ir-rizoluzzjoni. Il-patt inadempjenti kellu allura jkun ta' importanza tali li jirrifletti fuq il-prestazzjoni principali li tifforma l-oggett tal-kuntratt ... Fejn il-pregudizzju ma jkunx gravi, il-Qorti ma kellhiex tifhem li l-partijiet kellhom itendu biex jesigu r-rizoluzzjoni tal-ftehim" ("France Cutajar -vs- Francis Fenech", 6 ta' Ottubru, 1999); Similment, gie ragunat fil-kaz ta' l-applikazzjoni tal-principju "inademplenti non est ademplendum". Ara d-decizjoni tal-Qorti Civili Prim' Awla tal-11 ta' Ottubru, 1966 fil-kaz fl-ismijiet "Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri", citata wkoll mis-socjetà appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha; Dan ritenut f'din il-gurisprudenza jwassal ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:- (1) Ankorke il-hlas ta' l-excess kellu jitqies kondizzjoni tal-kuntratt, il-mankanza tal-pagament effettiv mill-assigurat ma kellux jikkwalifika bhala xi inadempjenza talment gravi li kienet tintitola lis-socjetà assiguratrici appellanti li tirrikjama minghand l-assigurat il-hlas tas-somma rizarcitorja minnha pagata lit-terz danneggjat; (2) Evidentement, minn dak li*

*ssuccieda u b'effett ta' dak l-istess pagament lit-terz huwa intwittiv illi l-istess socjetà appellanti kienet hi stess tal-fehma illi l-inadempjenza dovuta ghan-nuqqas tal-hlas ta' l-excess, ghal kollox tenwu, ma kienetx ta' gravità tali illi twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt assikurattiv; (3) Naturalment, is-socjetà appellanti tista' tobbjetta illi hi dak il-hlas ghamlitu in virtu ta' l-imposizzjonijiet fuqha mill-Kapitolu 104. Jekk ikun hekk, ma jistax jisfuggi l-fatt illi, kif wisq korrettement irraguna l-Arbitru, hi stess naqset li tottempera ruhha ma' l-oneru inkombenti fuqha bl-Artikolu 15 (4) (a) tal-Kapitolu imsemmi. Jigifieri, li tati avviz bil-miktub, b'ittra registrata jew ittra ufficcjali, lill-assigurat, dwar l-intenzjoni li thallas it-talba ghad-danni lill-parti offiza u l-ammont relattiv; (4) Jekk allura wiehed irid jitkellem fuq inadempjenza kontrattwali da parti ta' l-assigurat ma jistax lanqas jinsa' l-inadempjenza legali da parti ta' l-assiguratur; (5) Apparti dawn ir-riljevi, din il-Qorti tikkonkorda ma' l-espressjoni ta' fehma ta' l-Arbitru illi l-hlas ta' l-excess prospettat minn polza ta' assikurazzjoni ghandu l-ambitu ta' applikazzjoni tieghu mal-pagament tar-rizarciment, aktar milli ta' kondizzjoni vera u proprja ghal validità tal-kuntratt. In-nuqqas ut sic tal-hlas ta' dak l-excess mill-assiguratur jaghti, iva, dritt kreditorju lis-socjetà appellanti izda mhux ukoll li jillegittimaha, ghal dik il-pretensjoni taghha, illi topponi l-principju "inademplenti non est ademplendum" jew, ukoll kif minnha sollevat f'din is-sede, u mhux ukoll quddiem l-Arbitru, l-invokazzjoni tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt ta' l-assikurazzjoni de quo; (6) In virtu ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-tieni u t-tielet ilment qed jitiqiesu infondati".*

Illi, in oltre, f'dan il-kaz is-socjetà attrici naqset mill-obbligi taghha taht l-istess polza, kif kwotata aktar 'il fuq f'din is-sentenza, kif ukoll taht l-

Artikolu 15 (4) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta meta qabdet u hallset l-ammont reklamat minghajr ma, qabel sar tali hlas, infurmat lill-assikurat taghha bil-miktub.

Is-socjetà attrici ma ressqet ebda prova li l-intimat Etienne Cassar kien jaf bl-incident in kwistjoni u wisq anqas li tali komunikazzjoni bil-miktub lill-istess intimat assikurat maghha skont il-polza u skont il-ligi saret u saret qabel ma sehh il-pagament lit-terzi.

Illi fil-konfront tal-intimat l-iehor Jesmond Tonna, is-socjetà attrici ma gabet l-ebda prova u ghalhekk minkejja illi l-istess Jesmond Tonna huwa kontumaci, din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet tas-socjetà rikorrenti fil-konfront tieghu minhabba nuqqas ta' provi.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet tas-socjetà rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur